# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 549.22

## REGOLAMENTI DWAR IT-TRATTAMENT TA' ILMA URBAN MORMI

1 ta' Mejju, 2004

*L-AVVIŻ LEGALI 340 tal-2001, kif emendat bl-Avviżi Legali 192 tal-2004, 120 tal-2005 u 426 tal-2007 u 373 tal-2024.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar it-Trattament ta' Ilma Urban Mormi. Titolu.

**2.** (1) Dawn ir-regolamenti jirrigwardaw il-ġbir, it-trattament u r-rimi ta' ilma urban mormi u t-trattament u r-rimi ta' ilma mormi minn xi setturi industrijali. Skop.

(2) L-objettiv ta' dawn ir-regolamenti hu li l-ambjent ikun protett mill-effetti ħżiena ġej mir-rimi ta' kull ilma mormi hawn qabel imsemmi.

**3.** Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti u sakemm ir-raba tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra: Tifsir.

"agglomerazzjoni" tfisser area fejn il-popolazzjoni u, jew l-attivitajiet ekonomiċi jkunu konċentrati biżżejjed biex l-ilma urban mormi jinġabar u jitwassal f'impjant ta' trattament ta' l-ilma urban mormi jew f'punt fejn dan fl-aħħar mill-aħħar jintrema;

"awtorità kompetenti" tfisser id-Dipartiment għall-}arsien ta' l-Ambjent taħt id-direzzjoni tad-Direttur għall-}arsien ta' l-Ambjent u tali korp jew persuna oħra li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'ordni fil-Gazzetta jippreskrivi u korpi jew persuni differenti jistgħu jiġu hekk imsemmija bħala l-awtorità kompetenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti;

"estwarju" tfisser l-inħawi transitorji bejn l-ilma ħelu u l-ilma kostali. Ikunu l-awtoritajiet li jistabbilixxu il-limiti esterni (fuq in-naħa tal-baħar) ta' l-estwarji għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"ewtrofikazzjoni" tfisser l-arrikkiment ta' l-ilma b'nutrijenti, speċjalment komposti ta' nitroġenu u, jew fosfru, li jikkaġunaw tkabbir aċċellerat ta' l-alki u forom ogħla ta' pjanti hekk li jipproduċu taqlib xejn mixtieq fil-bilanċ ta' l-organiżmi preżenti fl-ilma u fil-kwalità ta' l-ilma inkwistjoni;

"ħama" tfisser:

(i) naqal residwu mill-impjanti tad-drenaġġ li jittrattaw l-ilma urban mormi u domestiku u minn impjanti oħra tad-drenaġġ li jkunu jittrattaw l-ilma mormi li jkollu komposizzjoni simili għall-ilma mormi ta' xorta urbana u domestika;

(ii) ħama residwu minn tankijiet settiċi u stallazzjonijiet oħra simili għat-trattament tad-drenaġġ;

(iii) ħama residwu minn impjanti tad-drenaġġ barra minn dawk imsemmija fil-paragrafi (i) u (ii) ta' din it-tifsira;

"ilma kostali" tfisser il-baħar li jinsab 'il barra mil-linja tal-

marea fl-aktar livell baxx tagħha jew il-limiti ta' barra ta' xi estwarju;

"ilma domestiku mormi" tfisser ilma mormi minn oqsma residenzjali u servizzi li joriġinaw prinċipalment mill-metaboliżmu uman u minn attivitajiet domestiċi;

"ilma industrijali mormi" tfisser kull ilma mormi li jintrema minn postijiet użati biex fihom jiġi ġestit il-kummerċ jew xogħol industrijali, barra dak l-ilma domestiku mormi u ilma ġieri tax-xita;

"ilma urban mormi" tfisser ilma domestiku mormi jew it-taħlita ta' ilma domestiku mormi ma' ilma industrijali u, jew ilma ġieri tax-xita;

"popolazzjoni b'ekwivalenza" tfisser it-tagħbija organika biodegradabbli li jkollha ħtieġa biokimika ta' ossiġenu għal ħamest ijiem (BODS) ta' 60 gramma ossiġenu kuljum;

"sistema ta' ġbir" tfisser sistema ta' katusi li jiġbru fihom u jgħaddi minnhom l-ilma urban mormi;

"trattament adatt" tfisser it-trattament ta' ilma urban mormi bi kwalunkwe proċess u, jew sistema ta' tneħħija li wara r-rimi jkun jippermetti lill-ilmijiet li jirċievu fihom li jilħqu l-objettivi rilevanti ta' kwalità u d-disposizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-regolament u ta' regolamenti oħra;

"trattament primarju" tfisser it-trattament ta' ilma urban mormi bi proċess fiżiku u, jew kimiku li jinvolvi s-sediment ta' solidi sospiżi, jew proċessi oħra li fihom kull BODS ta' l-ilma mormi dieħel ikun ridott b'għallinqas 20% qabel ma jintrema u t-total ta' solidi sospiżi ta' l-ilma mormi dieħel ikun imnaqqas b'għallinqas 50%;

"trattament sekondarju" tfisser it-trattament ta' ilma urban mormi bi proċess li ġeneralment jinvolvi t-trattament bioloġiku b'sediment sekondarju jew xi proċess ieħor fejn jitħarsu l-bżonnijiet stabbiliti fit-Tabella 1 ta' l-Anness I.

L-agglomerazzjonijiet għandhom ikunu provduti b'sistemi ta' ġbir. *Emendat: A.L. 192 tal-2004.*

**4.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-agglomarazzjonijiet ikunu pprovduti b'sistemi ta' ġbir għall-ilma urban mormi skond dawn il-kategoriji:

(*a*) dawk bi popolazzjoni b'ekwivalenza ta' aktar minn 15,000, u

(*b*) dawk bi popolazzjoni b'ekwivalenza ta' bejn 2,000 u 15,000:

Iżda r-rimi ta' ilma urban mormi fl-ilmijiet li jirċievu fihom, li huma kkunsidrati 'inħawi sensittivi' kif definiti mill-awtorità kompetenti taħt ir-regolament 6, għandu jiżgura li s-sistemi ta' ġbir jiġu pprovduti għal agglomerazzjonijiet ta' popolazzjoni b'ekwivalenza ta' aktar minn 10,000:

Iżda wkoll, meta t-twaqqif ta' sistema ta' ġbir ma jkunx ġustifikat jew minħabba f'li ma jipproduċi ebda benefiċċju ambjentali jew minħabba f'li jkun jinvolvi nefqa eċċessiva, għandhom jintużaw sistemi individwali jew sistemi adatti oħra li jiksbu l-istess livell ta' protezzjoni ambjentali:

Iżda wkoll id-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament għandhom japplikaw mhux aktar tard kif ġej għal:

(i) Marsa Land u Għawdex - Main mill-1 ta' Mejju, 2004;

(ii) Malta South mit-30 ta' Ġunju, 2004;

(iii) Għarb u Nadur mill-31 ta' Diċembru, 2005; u

(iv) il-kumplament ta' Malta mill-31 ta' Ottubru, 2006.

(2) Sistemi ta' ġbir deskritti fis-subregolament (1) għandhom ikunu jissodisfaw il-ħtiġiet ta' l-Anness I A(.)

Trattament sekondarju. *Emendat: A.L. 192 tal-2004.*

**5.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li ilma urban mormi li jidħol fis-sistemi tal-ġbir qabel ma jintrema, jkun suġġett għal trattament sekondarju jew għal xi trattament ekwivalenti skond dawn il-kategoriji:

(*a*) ir-rimi kollu minn agglomerazzjonijiet ta' popolazzjoni b'ekwivalenza ta' aktar minn 15,000,

(*b*) ir-rimi kollu minn agglomerazzjonijiet ta' popolazzjoni b'ekwivalenza ta' bejn 10,000 u 15,000,

(*ċ*) ir-rimi f'ilma ħelu u estwarji minn agglomerazzjonijiet ta' popolazzjoni b'ekwivalenza ta' bejn 2,000 u 10,000.

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament għandhom japplikaw mhux aktar tard kif ġej għal:

(i) Marsa Land mill-1 ta' Mejju 2004;

(ii) Għawdex - Main mill-31 ta' Ottubru 2004;

(iii) Għarb u Nadur mill-31 ta' Diċembru 2005;

(iv) Malta North mill-31 ta' Ottubru 2006; u

(v) il-kumplament ta' Malta mill-31 ta' Marzu 2007.

(2) Rimi minn impjanti tat-trattament ta' ilma urban mormi deskritti fis-subregolament (1) għandhom ikunu jissodisfaw il-ħtiġiet rilevanti ta' l-Anness I (B).

(3) It-tagħbija espressa f'popolazzjoni b'ekwivalenza tkun ikkalkulata abbażi tal-medja ta' l-ogħla tagħbija ta' kull ġimgħa li tidħol fl-impjant ta' trattament matul is-sena, esklużi sitwazzjonijiet mhux tas-soltu bħal dawk kawżati minn xita qliel.

Rimi f'inħawi sensittivi. *Emendat: A.L. 120 tal-2005.*

**6.** (1) Għall-iskopijiet tas-subregolament (2), l-awtorità kompetenti għandha tidentifika liema jkunu l-inħawi sensittivi skond il-kriterji stipulati fl-Anness II.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-ilma urban mormi li jidħol fis-sistema tal-ġbir għandu qabel ma jintrema f'inħawi sensittivi jkun suġġett għal trattament aktar iebes minn dak deskritt fir-regolament 4, għar-rimi kollu minn agglomerazzjonijiet ta' popolazzjoni b'ekwivalenza ta' aktar minn 10,000.

(3) Rimi minn impjanti tat-trattament ta' l-ilma urban mormi deskritt fis-subregolament (2) għandu jkun jissodisfa l-ħtiġiet

rilevanti ta' l-Anness I (B).

(4) Alternattivament, ħtiġiet għal impjanti individwali stipulati fis-subregolamenti (2) u (3) jistgħu ma japplikawx f'inħawi sensittivi fejn ikun muri li l-inqas perċentwali ta' tnaqqis fuq it-tagħbija sħiħa li tidħol fl-impjanti kollha tat-trattament ta' ilma urban mormi f'dawk l-inħawi jkun ta' mill-inqas 75% għal fosfru totali u ta' mill-inqas 75% għan-nitroġenu totali.

(5) Rimi minn impjanti tat-trattament ta' ilma urban mormi li jinsabu f'arei ta' qbid rilevanti ta' inħawi sensittivi u li jikkontribwixxi għat-tniġġis ta' dawn l-inħawi għandhom ikunu bla ħsara għal dak li hemm fis-subregolamenti (2), (3) u (4).

(6) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-identifikazzjoni ta' inħawi sensittivi tiġi riveduta f'intervalli ta' mhux aktar minn erba' snin.

(7) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li arei identifikati bħala sensittivi, kif elenkati fl-Anness II wara li ssir reviżjoni taħt is-subregolament (6), għandu jkun jissodisfa l-ħtiġiet imsemmija hawn aktar qabel.

(8) L-awtorità kompetenti m'għandhiex il-ħtieġa li tidentifika inħawi sensittivi għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti jekk timplimenta t-trattament stabbilit taħt is-subregolamenti (2), (3) u (4).

Identifikazzjoni ta' inħawi inqas sensittivi.

**7.** (1) Għall-finijiet tas-subregolament (2), l-awtorità kompetenti tista' tidentifika inħawi inqas sensittivi skond il-kriterji stabbiliti fl-Anness II.

(2) Rimi ta' ilma urban mormi minn agglomerazzjonijiet ta' popolazzjoni b'ekwivalenza ta' bejn 10,000 u 150,000 fl-ilma kostali u dawk minn agglomerazzjonijiet ta' popolazzjoni b'ekwivalenza ta' bejn 2,000 u 10,000 f'estwarji li jinsabu fl-inħawi deskritti fis-subregolament (1) jistgħu jkunu suġġetti għal trattament inqas iebes minn dak preskritt fir-regolament 5 sakemm dak ir-rimi mill-inqas jirċievi trattament primarju kif definit fir-regolament 3 b'konformità mal-proċeduri ta' kontroll stipulati fl-Anness I (D) u studji komprensivi jkunu jindikaw li tali rimi ma jkunx jaffettwa avversament l-ambjent.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-identifikazzjoni ta' inħawi inqas sensittivi tkun riveduta f'intervalli ta' mhux aktar minn erba' snin kull wieħed minn meta jkunu ġew identifikati.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li inħawi mhux aktar identifikati bħala inqas sensittivi jkunu jilħqu l-ħtiġiet tar-regolamenti 5 u 6, skond kif ikun adatt.

Trattament adatt.

**8.** L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li ilma urban mormi li jidħol fis-sistemi ta' ġbir jkun suġġett qabel ma jintrema għal trattament adatt kif definit fir-regolament 3 fil-każijiet li ġejjin:

(*a*) għal rimi f'ilma ħelu u f'estwarji minn agglomerazzjonijiet ta' popolazzjoni b'ekwivalenza ta' inqas minn 2,000,

(*b*) għal rimi f'ilma kostali minn agglomerazzjonijiet ta' popolazzjoni b'ekwivalenza ta' inqas minn 10,000.

**9.** F'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta jista' jintwera li trattament aktar avvanzat ma jipproduċi ebda benefiċċju ambjentali, rimi f'inħawi inqas sensittivi ta' ilma mormi minn agglomerazzjonijiet ta' popolazzjoni b'ekwivalenza ta' aktar minn 150,000 jista' jkun suġġett għat-trattament li hemm ipprovdut dwaru fir-regolament 7 għall-ilma mormi minn agglomerazzjonijiet ta' popolazzjoni b'ekwivalenza ta' bejn 10,000 u 150,000. Eċċezzjonijiet.

**10.** L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-impjanti tat-trattament ta' ilma urban mormi mibnija biex jikkonformaw mal-ħtiġiet tar-regolamenti 5, 6, 7 u 8 jkunu ddisinjati, kostruwiti, mħaddma u mogħtija manutenzjoni hekk li jiżguraw attività suffiċjenti taħt kull kondizzjoni klimatika lokali normali. Meta jkunu qegħdin jiġu ddisinjati l-impjanti, għandhom jitqiesu l-varjazzjonijiet staġjonali tat-tagħbija.

**11.** (1) Mingħajr preġudizziu għal kull liġi u awtorizzazzjoni oħra l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li: Dmirijiet ta' l-awtorità kompetenti.

(*a*) ir-rimi ta' ilma industrijali mormi fis-sistemi, tal-ġbir u l-impjanti tat-trattament ta' l-ilma urban mormi jkun jissodisfa l-ħtiġiet ta' l-Anness 1 (~);

(*b*) rimi minn impjanti tat-trattament ta' ilma urban mormi li jsir f'agglomerazzjonijiet ta' popolazzjoni b'ekwivalenza ta' bejn 2,000 u 10,000 f'każ ta' rimi ta' kull_ xorta ta' ilma ħelu u ta' estwarji għandu jkun jissodisfa l-ħtiġiet rilevanti ta' l-Anness I (B).

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li, kull meta dan ikun jista' jsir, ilma mormi ittrattat jiġi użat mill-ġdid. Ikun hemm rotot ta' tneħħija li jkunu jnaqqsu sew l-effetti avversi fuq l-ambjent.

**12.** (1) L-awtorità kompetenti tiżgura ilma industrijali mormi biodegradabbli minn impjanti li jappartjenu għas-setturi industrijali elenkati fl-Anness III li ma jidħolx fl-impjanti tat-trattament ta' ilma urban mormi qabel ma jintrema fl-ilmiiiet li jirċievuh fihom, għandu, qabel ma jintrema, jħares il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti preċedenti u, jew kull awtorizzazzjoni speċifika mill-awtorità kompetenti jew mill-korp adatt, dwar kull rimi minn impjanti li jirrappreżentaw popolazzjoni b'ekwivalenza ta' 4000 jew aktar. Ilma mormi.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi ħtiġiet adatti għax-xorta ta' l-industrija involuta fir-rimi ta' dak l-ilma mormi.

**13.** (1) }ama li joħroġ mit-trattament ta' ilma mormi jista' jerġa' jiġi użat kull meta jkun adatt. Ikun hemm rotot ta' tneħħija li jkunu jnaqqsu sew l-effetti avversi fuq l-ambjent. }ama.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-tneħħija tal-ħama mill-impjanti tat-trattament ta' l-ilma urban mormi ikun suġġett għal regoli ġenerali jew għal reġistrazzjoni jew għal awtorizzazzjoni.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-tneħħija tal-

ħama għal fuq l-ilmijiet tal-wiċċ bit-tfigħ minn fuq vapuri, bir-rimi minn ġo katusi jew b'mezzi oħra jinqata' bil-mod il-mod.

(4) Sakemm issir l-eliminazzjoni tal-forom ta' tneħħija msemmija fis-subregolament (3), l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-ammont totali ta' kull materjal tossiku, persistenti jew bioakkumulabbli fil-ħama mneħħi għal fuq l-ilmijiet tal-wiċċ għandu jkun skond il-liċenza għat-tneħħija u jiġi mnaqqas progressivament.

Sorveljanza mill-awtorità kompetenti.

**14.** (1) L-awtorità kompetenti u kull korp ieħor adatt, kif jista' jkun avżat b'ordni tal-Ministru fil-Gazzetta, għandhom jissorveljaw:

(*a*) ir-rimi li jsir minn impjanti tat-trattament ta' l-ilma urban mormi biex jivverifikaw it-tħaris tal-ħtiġiet ta' l-Anness I (B) skond il-proċeduri stipulati fl-Anness I (D),

(*b*) l-ammonti u l-komposizzjoni ta' kull ħama mneħħi fuq l-ilmijiet tal-wiċċ.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tissorvelja kull ilma li jiġi mormi minn impjanti tat-trattament ta' l-ilma urban mormi u rimi dirett kif deskritt fir-regolament 12 f'każijiet fejn ikun mistenni li l-ambjent li jirċievi fih jkun effettwat b'mod sinifikanti.

(3) F'każ ta' rimi suġġett għad-disposizzjonijiet tar-regolament 6 u f'każ ta' tneħħija ta' ħama fuq l-ilmijiet tal-wiċċ, l-awtorità kompetenti għandha tissorvelja u tagħmel kull studju ieħor rilevanti biex tivverifika li r-rimi jew it-tneħħija ma jkunux jaffettwaw avversament l-ambjent.

Rapporti dwar is-sitwazzjoni.

**15.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li kull sentejn l-awtoritajiet jew korpi rilevanti jippubblikaw rapporti dwar is-sitwazzjoni tat-tneħħija ta' l-ilma urban mormi u l-ħama fl-inħawi tagħhom.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-metodi u kull format li għandu jkun addottat għar-rappurtar li għandu jsir taħt is-subregolament (1).

Reati kontra dawn ir-regolamenti

**16.** Persuna tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti jekk:

(*a*) tonqos milli tħares xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi ordni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(*b*) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(*ċ*) tassoċja ruħha jew tittanta tassoċja ruħha ma' xi persuna, jew tgħin, jew tħajjar, lil xi persuna oħra b'liema mezz ikun, inkluż ir-reklamar, l-għoti ta' pariri jew il-ħlas ta' flus biex tikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli tħares xi disposizzjoni tagħhom, inkluża kull ordni mogħtija leġittimament skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser

xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti.

**17.** Min jagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti jista', meta jinsab ħati, jeħel:

Pieni. *Emendat: A.L. 426 tal-2007.*

(*a*) meta jinsab ħati għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

(*b*) meta jinsab ħati għat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux anqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75), jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda il-qorti għandha tordna lil persuna li tkun insabet ħatja li għamlet reat kontra dawn ir-regolamenti tħallas għall-ispejjeż imġarrba mill-entitajiet pubbliċi u, jew persuni oħra li jaġixxu f'isimhom u li jkunu involuti fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti u r-restituzzjoni ta' l-ambjent minħabba fir-reat li jkun sar, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-Pulizija u l-konfiska tal-*corpus delicti*.

**18.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 23 u 30(1) tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli persuna jkollha jew tikseb liċenza, permess jew awtorità m'għandha f'ebda każ tkun għal inqas minn sena.

Applikabilità tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond ma jista' jkun il-każ, u għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

Kap. 9.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.

Kap. 9.

**19.** L-Annessi li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti qegħdin jiġu ppubblikati fil-lingwa Ingliża flimkien mat-test Ingliż ta' dawn ir-regolamenti.

Lingwa ta' l-Annessi.